IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2022
COM(2022) 530 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-*Data* għall-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (ir-Regolament 2018/1725)

Werrej

1 Daħla 2

2 Regoli separati dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE allinjati mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* 3

3 L-implimentazzjoni tal-EUDPR fl-EUIBs 4

3.1 Ir-rwol tal-EUIBs bħala kontrolluri 4

3.2 L-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data 5

3.3 Ir-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data permezz ta' regoli interni 6

3.4 L-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data 7

3.5 Valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data 8

3.6 Trasferimenti internazzjonali ta' data 9

4 L-attivitajiet tal-EDPS 10

4.1 L-EDPS bħala l-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data għall-EUIBs 10

4.2 L-EDPS bħala konsulent għal-leġiżlatur tal-UE 12

4.3 Kooperazzjoni bejn l-EDPS u l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data 12

4.4 Ir-riżorsi tal-EDPS 14

5 L-użu mill-Kummissjoni tas-setgħat biex tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni 15

6 Regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-korpi u l-aġenziji li jittrattaw il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali 15

6.1 L-estensjoni tal-applikazzjoni tal-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi tal-EUDPR 16

6.2 Kjarifika tal-applikabbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-EUDPR għall-ipproċessar ta' data operazzjonali 17

6.3 Is-setgħat tal-EDPS fis-sorveljanza tal-korpi u l-aġenziji tal-UE 18

7 It-triq 'il quddiem 19

ANNESS 22

1 Daħla

Ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-*Data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea[1] ("EUDPR") huwa l-qafas ewlieni[2] għall-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE ("EUIBs") meta jipproċessaw *data* personali bħala kontrolluri jew proċessuri. Ir-Regolament jifforma pilastru ta' governanza tajba u kondotta amministrattiva tajba fil-livell tal-UE. Huwa ilu japplika mill-11 ta' Diċembru 2018[3], meta ħassar u ssostitwixxa l-predeċessur tiegħu, ir-Regolament (KE) 45/2001[4].

Din il-komunikazzjoni tippreżenta l-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tal-EUDPR, f'konformità mal-Artikolu 97 tar-Regolament. Hija tirrieżamina wkoll l-atti legali adottati abbażi tat-Trattati li jirregolaw l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali[5] minn korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-UE meta jwettqu attivitajiet fl-ambitu tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali[6], f'konformità mal-Artikolu 98 tal-EUDPR.

Il-Kummissjoni ġabret informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-EUDPR permezz ta' stħarriġ li tnieda f'Ottubru 2021, li fih l-EUIBs ġew mistiedna jaqsmu l-esperjenza tagħhom fl-applikazzjoni tal-EUDPR. B'kollox, wieġbu 56[7] EUIB, u l-istatistika dwar l-EUIBs ippreżentata fir-rapport hija bbażata fuq dawn it-tweġibiet[8]. Intbagħtet talba separata għal kontribut lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) fir-rwol tiegħu bħala awtorità superviżorja[9]. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll sejħa għal evidenza[10], li ppermettiet lill-pubbliku jikkummenta

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018R1725.

[2] Xi aġenziji fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni għandhom regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-atti ta' stabbiliment tagħhom li jew jikkomplementaw jew japplikaw minflok l-EUDPR, ara t-Taqsima 6.

[3] F'konformità mal-Artikolu 101(2) tal-EUDPR, dan ilu japplika għall-Eurojust mit-12 ta' Diċembru 2019 biss.

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1–22, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32001R0045.

[5] L-Artikolu 3(2) tal-EUDPR.

[6] Il-Kapitolu 4 jew il-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

[7] L-istħarriġ intbagħat lill-EUIBs li kienu jeżistu dak iż-żmien (lista: http://publications.europa.eu/code/mt/mt-5000900.htm).

[8] Il-perċentwali mogħtija f'dan ir-rapport huma dejjem minn dawk l-EUIBs li wieġbu għal dik il-mistoqsija speċifika fl-istħarriġ.

[9] Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, Contribution by the European Data Protection Supervisor to the Report on the application of Regulation (EU) 2018/1725, the 'EUDPR', 21 ta' Diċembru 2021, https://edps.europa.eu/system/files/2022-04/20-12-21-contribution_edps_report_eudpr_en_0.pdf

[10] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13256-Ir-Regolament-dwar-il-Protezzjoni-tad-Data-g%C4%A7all-istituzzjonijiet-il-korpi-l-ufficcji-u-l-agenziji-tal-UE-rapport-dwar-l-applikazzjoni_mt.

wkoll. Il-kwistjonijiet imqajma fil-ftit sottomissjonijiet riċevuti bi tweġiba għas-sejħa għall-evidenza huma indirizzati f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ipoġġi l-EUDPR fil-qafas tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mill-EUIBs u l-attivitajiet tal-EDPS, u janalizza l-applikazzjoni tal-kapitolu applikabbli għall-korpi u l-aġenziji tal-UE li jwettqu attivitajiet fl-ambitu tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Ir-rapport jikkonkludi billi jiddeskrivi t-triq 'il quddiem.

2 Regoli separati dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE allinjati mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*

L-istrumenti ewlenin tal-protezzjoni tad-*data* fl-UE huma r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ("GDPR")[11], id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi ("LED")[12] u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika[13]. Madankollu, dawn ma japplikawx għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-EUIBs[14]. Għalhekk, huma meħtieġa regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* separati, iżda allinjati għall-EUIBs. L-EUDPR jipprovdi dawn ir-regoli.

Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali u l-moviment liberu tagħha fl-UE, l-EUDPR huwa allinjat kemm jista' jkun mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* adottati għas-settur pubbliku, stabbiliti fil-GDPR u l-LED. Kull meta l-EUDPR isegwi l-istess prinċipji bħall-GDPR, dan għandu jiġi interpretat bl-istess mod, peress li għandu jinftiehem bħala ekwivalenti għall-GDPR[15]. L-istess jista' jiġi preżunt bir-regoli allinjati mal-LED.

L-EUDPR huwa adattat għall-kuntest speċifiku tal-EUIBs kif deskritt fil-punti ta' hawn taħt.

- Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa esklużivament l-EUIBs bħala korpi pubbliċi, tħallew barra diversi dispożizzjonijiet mill-GDPR li huma rilevanti biss għas-settur privat.

[11] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32016R0679.

[12] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89–131, http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj.

[13] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201. 31.7.2002, p. 37-47, https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj?locale=mt.

[14] L-Artikolu 2(3) tal-GDPR, l-Artikolu 2(3)(b) tal-LED. Id-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika bħala tali ma tapplikax, iżda l-Artikolu 37 tal-EUDPR jobbliga lill-EUIBs jipproteġu l-informazzjoni trażmessa lil, maħżuna fi, relatata ma', ipproċessata u miġbura mit-tagħmir terminali tal-utenti li jaċċessaw is-siti web u l-applikazzjonijiet mobbli disponibbli pubblikament tagħhom f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2002/58/KE.

[15] Ara l-premessa 5 tal-EUDPR.

Pereżempju, il-possibbiltà li l-kontrollur jibbaża fuq il-bażi ġuridika ta' "interessi leġittimi" ma teżistix fl-EUDPR[16].

- Diversi setgħat għall-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni jew delegati ma humiex ripetuti bħala tali, iżda minflok l-EUDPR jirreferi għall-GDPR jew għal-LED. Pereżempju, l-EUDPR ma fihx mekkaniżmu biex jiġu adottati deċiżjonijiet ta' adegwatezza għat-trasferimenti internazzjonali, iżda d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont il-GDPR jew l-LED jistgħu jiġu invokati wkoll mill-EUIBs.
- L-EUDPR jistabbilixxi wkoll direttament l-EDPS, filwaqt li jistabbilixxi l-kompiti, is-setgħat u l-proċeduri tal-ħatra tiegħu. Skont il-GDPR u l-LED, l-awtoritajiet superviżorji rispettivi huma stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, f'konformità mar-rekwiżiti ta' dawn iż-żewġ atti.
- Il-kapitolu tal-EUDPR applikabbli għall-korpi u l-aġenziji tal-UE fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kriminali[17] huwa funzjonalment ekwivalenti għal-LED għal dawk il-korpi u l-aġenziji. Madankollu, bħala Regolament direttament applikabbli, huwa fformulat b'mod differenti. Dan jipprovdi regoli ġenerali li għandhom jiġu ssupplimentati b'dispożizzjonijiet speċifiċi fl-atti ta' stabbiliment ta' korpi u aġenziji li jaġixxu f'dan il-qasam fejn meħtieġ. Dan jipprovdi sistema mfassla apposta għall-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali filwaqt li titqies in-natura speċifika ta' dan is-settur, pereżempju r-regoli dwar l-informazzjoni tas-suġġetti tad-*data*, li jiżguraw li l-investigazzjoni tiġi protetta.

3 L-implimentazzjoni tal-EUDPR fl-EUIBs

3.1 Ir-rwol tal-EUIBs bħala kontrolluri

Ir-rispons ġenerali mill-EUIBs juri li l-ewwel snin tal-applikazzjoni tal-EUDPR ikkontribwew b'suċċess għat-tisħiħ tal-kultura ġenerali tagħhom tal-protezzjoni tad-*data*. F'dan ir-rigward, 94 % tal-EUIBs iddikjaraw li d-dħul fis-seħħ tal-EUDPR żied l-għarfien tal-organizzazzjoni tagħhom dwar ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* sa ċertu punt jew ħafna. B'mod ġenerali, l-EUIBs indikaw li l-EUDPR kellu impatt pożittiv fuq il-politiki tagħhom dwar il-protezzjoni tad-*data*, u l-persunal tal-EUIBs huwa aktar konxju mir-responsabbiltà tal-organizzazzjoni tagħhom bħala kontrolluri tad-*data* u mir-rekwiżiti għall-ipproċessar tad-*data* personali.

L-EUIBs semmew it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-ksur tad-*data*, u l-kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku bħala l-impatti ewlenin tal-EUDPR meta mqabbla mar-Regolament 45/2001 imħassar. L-EUDPR jagħmel il-possibbiltà ta' kontroll konġunt – diversi

[16] Dan jirrifletti s-sitwazzjoni skont il-predeċessur tiegħu, ir-Regolament (KE) 45/2001, li lanqas ma kien jinkludi r-raġuni ta' "interess leġittimu". It-tieni sentenza tal-premessa 22 tal-EUDPR tiċċara li "l-ipproċessar ta' *data* personali għat-twettiq ta' kompiti mwettqin fl-interess pubbliku mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni jinkludi l-ipproċessar ta' *data* personali neċessarja għall-ġestjoni u għall-funzjonament [tagħhom]", li jfisser li tali operazzjonijiet ta' pproċessar, pereżempju, biex jiġi żgurat il-kontroll tal-aċċess fiżiku għall-bini tal-EUIBs, huma koperti wkoll.

[17] Il-Kapitolu IX dwar l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali minn korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 4 jew tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE.

organizzazzjonijiet flimkien jiddefinixxu l-għanijiet u l-mezzi għall-ipproċessar tad-*data* personali – aktar viżibbli, bl-istess mod bħall-GDPR. L-EDPS ipprovda linji gwida[18] dwar dan is-suġġett u l-Kummissjoni żviluppat mudelli interni għal arranġamenti ta' kontroll konġunt.

Għalkemm ir-rekwiżiti addizzjonali ta' responsabbiltà meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-EUIBs mal-EUDPR kienu ġeneralment aċċettati, xi EUIBs innotaw li r-regoli tal-EUDPR ħolqu żieda fl-ammont ta' xogħol. Huma indikaw ukoll li l-EUDPR jistabbilixxi regoli relattivament kumplessi li jfisser li hemm bżonn ta' aktar għarfien espert fl-EUIBs, inkluż fost l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data* (DPO) tagħhom, kif ukoll fin-networks tal-koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data* (DPCs) f'dawk l-EUIBs li għandhom tali networks.

L-EUIBs kollha, ħlief tnejn minnhom, iżommu r-rekords tagħhom tal-operazzjonijiet ta' pproċessar f'reġistru ċentrali. Għalkemm dan ma huwiex rekwiżit speċifiku skont l-EUDPR, hija prattika tajba rrakkomandata wkoll mill-EDPS[19]. Barra minn hekk, 72 % tal-EUIBs qalbu f'rekords in-notifiki kollha tagħhom lill-DPO skont ir-Regolament preċedenti[20]. Dawk li għadhom ma lestewx dan il-kompitu għandhom jirrieżaminaw u jaġġornaw id-dokumentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tagħhom biex jiżguraw li din tkun kompluta u aġġornata.

3.2 L-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data

L-EUDPR jipprovdi lis-suġġetti tad-*data* sett wiesa' ta' drittijiet dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, b'mod konsistenti mal-GDPR. L-EUIBs bħala kontrolluri għandhom obbligu speċifiku li jagħmluha faċli li jiġu eżerċitati dawn id-drittijiet[21]. B'riżultat ta' dan, 96 % tal-EUIBs indikaw li wettqu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, bħall-aġġornament tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħhom, messaġġi ta' informazzjoni, jew gwidi għas-suġġetti tad-*data*.

Għadd ta' EUIBs, bħall-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, irrapportaw żieda ċara fit-talbiet li waslu mingħand individwi bejn l-2018 u l-2021[22]. Madankollu, għal oħrajn, bħall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, in-numri kienu stabbli jew varjaw mingħajr xejra ċara. Għadha ma tistax tiġi rikonoxxuta xejra ċara fl-għadd ta' talbiet minn suġġetti tad-*data* wara d-dħul fis-seħħ tal-EUDPR minħabba li l-mod kif jiġu rreġistrati tipi differenti ta' talbiet ivarja minn EUIB għal ieħor.

---

[18] Il-kunċetti ta' kontrollur, proċessur u kontroll konġunt skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/guidelines/concepts-controller-processor-and-joint.

[19] Accountability on the ground: Guidance on documenting processing operations for EU institutions, bodies and agencies – Part I: Records and threshold assessment, p. 7, https://edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-07-17_accountability_on_the_ground_part_i_en.pdf.

[20] L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

[21] L-Artikolu 14 tal-EUDPR.

[22] Dan ikopri t-talbiet għal informazzjoni ġenerali u t-talbiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont il-Kapitolu II tal-EUDPR, bħad-dritt ta' aċċess għad-*data* personali tagħhom miżmuma minn EUIB.

3.3 Ir-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data permezz ta' regoli interni

B'mod simili għall-GDPR, l-EUDPR[23] jipprevedi l-possibbiltà li jiġu ristretti ċerti drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Dan jista' jsir permezz ta' atti leġiżlattivi u permezz ta' regoli interni[24]. Japplikaw kriterji stretti għal tali regoli interni. Dawn iridu jkunu ċari u preċiżi u l-applikazzjoni tagħhom trid tkun prevedibbli għal persuni soġġetti għalihom. Ir-regoli jridu jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[25].

Ir-restrizzjonijiet ibbażati fuq ir-regoli interni jistgħu jkunu relatati biss mal-operat tal-EUIBs. Dawn iridu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, jikkostitwixxu miżuri meħtieġa u proporzjonati f'soċjetà demokratika u jkollhom l-għan li jissalvagwardjaw wieħed mill-objettivi elenkati speċifikament taħt l-EUDPR[26]. Kwalunkwe suġġett tad-*data* li d-drittijiet tiegħu jkunu ġew ristretti għandu d-dritt li jippreżenta lment quddiem l-EDPS[27].

Il-maġġoranza kbira (84 %) tal-EUIBs adottaw regoli interni. Pereżempju, tali regoli ġew introdotti biex jippermettu d-differiment tal-għoti ta' informazzjoni lil persuna kkonċernata f'investigazzjoni amministrattiva interna[28]. F'oħrajn, l-objettiv ta' tali regoli kien li tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva kontinwa mal-Istati Membri f'dawk l-oqsma li fihom l-attivitajiet tal-EUIBs jiddependu minn informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Pereżempju, ir-regoli interni adottati mill-Kummissjoni għall-ipproċessar ta' *data* personali fl-attivitajiet ta' kompetizzjoni, ta' kontra l-frodi, u tal-awditjar intern tagħha jinkludu l-possibbiltà li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* meta d-*data* personali tinkiseb mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri[29]. Dawk ir-regoli jistabbilixxu l-possibbiltà li jiġu imposti restrizzjonijiet simili meta l-awtoritajiet nazzjonali jkunu imponew restrizzjonijiet abbażi ta' miżura leġiżlattiva possibbli skont il-GDPR[30] jew l-LED[31].

Meta l-EUIBs ikunu adottaw regoli interni li jippermettu r-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, dawn normalment jiġu applikati fuq bażi ta' każ b'każ kif meħtieġ mir-regoli interni rispettivi tagħhom. Madankollu, 69 % tal-EUIBs bir-regoli tal-Artikolu 25 stabbiliti jirrapportaw li għadhom ma użawhomx. Dawk li użawhom irrapportaw inqas minn għaxar każijiet ta'

[23] L-Artikolu 25 tal-EUDPR.
[24] Dan jikkorrispondi għall-possibbiltajiet li jiġu ristretti d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri, eż. permezz ta' digrieti ministerjali.
[25] L-Artikolu 25(5) u l-premessa 24 tal-EUDPR.
[26] L-Artikolu 25(1) tal-EUDPR.
[27] L-Artikolu 25(6) tal-EUDPR.
[28] Ara pereżempju d-Deċiżjoni Nru 59/2021 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-restrizzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għall-fini ta' investigazzjonijiet amministrattivi u proċedimenti dixxiplinari u tal-qorti 2022/C 25/02, ĠU C 25, 18.1.2022, p. 2–7.
[29] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1961, ĠU L 315/35, 12.12.2018; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1962, ĠU L 315/41, 12.12.2018; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1927, ĠU L 313/39, 10.12.2018.
[30] L-Artikolu 23 tal-GDPR.
[31] L-Artikoli 13(3), 15 jew 16 tal-LED.

restrizzjonijiet, ħlief għall-Parlament Ewropew u għall-Kummissjoni. Il-ħtieġa ta' restrizzjonijiet inħolqot aktar ta' spiss fl-attivitajiet tal-OLAF, b'mod partikolari biex jiddifferixxi l-informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom meta investigazzjoni tkun għadha fi stadju bikri sabiex ma jiġix ippreġudikat il-ġbir tal-evidenza. L-OLAF applika wkoll diversi restrizzjonijiet rigward it-talbiet għall-aċċess tas-suġġetti tad-*data* għad-*data* personali tagħhom stess, li ġew miċħuda biss sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn[32], eż. meta d-divulgazzjoni tad-*data* tpoġġi informatur f'riskju ta' ritaljazzjoni.

Ir-regoli interni tal-EUIBs normalment jirrikjedu li dawn jinfurmaw lill-DPO tagħhom dwar kwalunkwe restrizzjoni applikata u jipprovdu lill-DPO aċċess għar-rekord u għal kwalunkwe dokument dwar dawk ir-restrizzjonijiet[33].

3.4 L-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data

L-obbligu li jkun hemm DPO f'kull EUIB kien diġà stabbilit fir-Regolament 45/2001 preċedenti. L-EUDPR ta aktar viżibbiltà lil dan ir-rwol billi introduċa l-prinċipju tar-responsabbiltà. Dan ifisser li l-kontrollur huwa responsabbli għall-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u jeħtieġlu jkun jista' juriha.

F'46 % tal-EUIBs, id-DPO tagħhom huma appoġġati minn networks ta' DPCs jew strutturi simili[34]. EUIBs akbar huma aktar probabbli li jkollhom networks bħal dawn (eż. il-Parlament Ewropew, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni, u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna [SEAE]). Is-SEAE jorganizza u jżomm ukoll network ta' korrispondenti għall-protezzjoni tad-*data* fid-Delegazzjonijiet tal-UE.

Għadd ta' EUIBs innotaw iż-żieda fir-responsabbiltajiet u fl-ammont ta' xogħol tad-DPO tagħhom (u b'estensjoni tad-DPCs). Huma rrikonoxxew il-ħtieġa li l-DPO (u d-DPCs) jingħataw aktar riżorsi biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki tal-EUIBs dwar il-protezzjoni tad-*data*. Issemmiet ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza tal-DPO.

Hemm żewġ xejriet attwali f'dan il-kuntest: Minn naħa, l-EUDPR jagħmel enfasi akbar fuq ir-responsabbiltà tal-kontrollur, eż. billi jneħħi l-proċedura ta' verifika minn qabel li kienet teżisti skont ir-Regolament preċedenti 45/2001, u b'hekk inaqqas il-piż amministrattiv. Min-naħa l-oħra, il-kontrolluri jitolbu aktar gwida mill-DPO/mid-DPCs dwar kif l-aħjar jikkonformaw mal-EUDPR. F'dan ir-rigward, ġie nnotat li n-network tal-DPO tal-EUIBs ipprovda forum importanti għad-diskussjoni u l-kjarifika ta' ċerti aspetti legali u tekniċi speċifiċi għall-ipproċessar tad-*data* mill-EUIBs. Dan in-network jipprovdi pjattaforma għall-iskambji bejn l-DPO u l-EDPS u bejn l-DPO infushom. Dan jikkoopera fuq bażi kontinwa u normalment jiltaqa' darbtejn fis-sena.

[32] Ara l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2018/1962 li tirreferi għall-protezzjoni ta' partijiet terzi kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)(h) EUDPR.

[33] Dan huwa rrakkomandat ukoll fil-gwida dwar l-Artikolu 25 tal-EUDPR maħruġa mill-EDPS, disponibbli fuq: https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/guidelines/guidance-art-25-regulation-20181725_en.

[34] Pereżempju, il-Kummissjoni Ewropea għandha uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* marbut mas-Segretarjat Ġenerali u li huwa appoġġat minn koordinaturi tal-protezzjoni tad-*data* f'kull Direttorat Ġenerali.

Aktar minn nofs (54 %) tal-EUIBs taw aktar riżorsi u funzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* lill-DPO tagħhom b'mod aktar ġenerali. Il-biċċa l-kbira (84 %) tal-EUIBs adattaw il-proċessi interni tagħhom biex jiżguraw li l-persunal tagħhom jinforma u jikkonsulta lill-DPO dwar operazzjonijiet ġodda ta' pproċessar tad-*data* personali. Dan normalment isir billi l-DPO jiġu inklużi pereżempju fil-proċessi tal-ġestjoni tat-tibdil jew fil-bordijiet ta' tmexxija tal-proġetti.

3.5 Valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data

L-ogħla numru ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (DPIAs) twettaq mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-Bank Ewropew tal-Investiment u mill-Kummissjoni. Meta mqabbel mas-sistema preċedenti ta' "verifika minn qabel"[35] skont ir-Regolament 45/2001, l-għadd ta' każijiet mibgħuta lill-EDPS naqas b'mod sinifikanti. Din kienet il-konsegwenza mistennija ta' din il-bidla, u tnaqqis fil-konsultazzjonijiet tal-EDPS dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar amministrattiv bħall-evalwazzjoni tal-persunal.

It-Tabella 1 fl-Anness tipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-DPIAs imwettqa mill-EUIBs bejn l-2019 u l-2021.

Kważi l-EUIBs kollha (94 %) qablu li l-kriterji tal-EUDPR[36] għal meta jkollhom iwettqu DPIAs ikopru b'mod adegwat l-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' riskju għoli. Dawk li ma qablux saħqu fuq il-ħtieġa li l-EDPS iqis l-iżvilupp teknoloġiku meta jinterpreta dawn il-kriterji. Pereżempju, il-cloud computing ma għadux teknoloġija "ġdida" u dan għandu jitqies meta jiġi vvalutat jekk għandhomx jitwettqu DPIAs. L-EUIBs li qajmu dan il-punt normalment iqisu li t-test legali nnifsu huwa ċar biżżejjed, u li din hija kwistjoni ta' interpretazzjoni mill-EDPS.

L-EUDPR ma fih l-ebda obbligu speċifiku li jiġu ppubblikati r-riżultati tad-DPIAs. Il-maġġoranza kbira (84 %) tal-EUIBs ma jippubblikawx id-DPIAs li jkunu wettqu, filwaqt li 14 % jippubblikaw partijiet minnhom jew sommarji tagħhom, billi jneħħu l-informazzjoni li tista' tikkomprommetti s-salvagwardji tas-sigurtà adottati. EUIB wieħed biss indika li jippubblika d-DPIAs tiegħu sħaħ. Il-pubblikazzjoni tad-DPIAs, filwaqt li titneħħa fejn meħtieġ l-informazzjoni li tpoġġi s-sigurtà tal-operazzjonijiet ta' pproċessar f'riskju, ittejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-konformità tal-EUIBs mar-regoli tal-EUDPR u hija prattika tajba rrakkomandata mill-EDPS[37].

[35] L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Skont dik is-sistema, l-operazzjonijiet ta' pproċessar, eż. dawk li kienu jinvolvu kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali relatata mas-saħħa u ma' reati suspettati, reati, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà jew maħsuba biex jevalwaw aspetti personali relatati mas-suġġett tad-*data*, inkluża l-kapaċità, l-effiċjenza u l-kondotta tiegħu, kienu jridu jiġu "vverifikati minn qabel" mill-EDPS. Dan irriżulta f'għadd kbir ta' notifiki (u opinjonijiet korrispondenti tal-EDPS) dwar operazzjonijiet ta' pproċessar simili ħafna, eż. is-selezzjoni tal-persunal u l-proċeduri ta' evalwazzjoni kienu jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni.

[36] L-Artikolu 39 tal-EUDPR.

[37] Għalkemm il-pubblikazzjoni tar-rapporti (sommarji) tad-DPIAs ma hijiex obbligu skont l-EUDPR, hija prattika tajba rrakkomandata mill-EDPS, ara Accountability on the ground, Part II, p. 18/19, https://edps.europa.eu/node/4582_en.

3.6 Trasferimenti internazzjonali ta' data

Kważi l-EUIBs kollha (91 %) irrapportaw li l-attivitajiet tagħhom jinvolvu trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali. Dan jinkludi trasferimenti ta' *data* lil pajjiżi mhux tal-UE/taż-ŻEE kif ukoll lil organizzazzjonijiet internazzjonali. Madankollu, diversi EUIBs semmew li dawn it-trasferimenti huma rari jew jikkonċernaw biss ammont limitat ta' *data* personali. Fir-rigward tal-għodod ta' trasferiment użati, l-EUIBs irreferew l-aktar għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza (adottati skont il-GDPR[38] jew l-LED[39]) u strumenti kuntrattwali, pereżempju għal trasferimenti ta' *data* lil kumpaniji privati. Għat-trasferimenti tad-*data* lil korpi pubbliċi, jintużaw ukoll għodod oħra, bħal ftehimiet legalment vinkolanti u arranġamenti amministrattivi. Barra minn hekk, 51 % tal-EUIBs semmew li huma jwettqu trasferimenti limitati u okkażjonali, pereżempju biex jorganizzaw taħriġ, abbażi tar-raġunijiet statutorji għat-trasferimenti tad-*data* (id-"derogi")[40].

Fil-prattika, it-trasferimenti tad-*data* normalment ma jitwettqux direttament mill-EUIBs, iżda mill-proċessuri tagħhom (li ma humiex EUIBs) li jaġixxu f'isimhom. Għalhekk, il-Kummissjoni indirizzat speċifikament dan ix-xenarju fil-klawżoli kuntrattwali standard adottati skont il-GDPR f'Ġunju 2021[41] biex tgħin lill-kontrolluri u lill-proċessuri jikkonformaw mar-rekwiżiti kemm tal-GDPR kif ukoll tal-EUDPR. B'mod partikolari, il-proċessuri fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) għandhom il-possibbiltà li jinkludu dawn il-klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferimenti internazzjonali tad-*data* fil-kuntratti mas-sottoproċessuri tagħhom f'pajjiżi terzi[42]. Dan jiżgura l-konformità mar-regoli tal-EUDPR[43] dwar l-ingaġġ tas-sottoproċessuri f'isem l-EUIBs, sakemm l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* jkunu allinjati fil-kuntratti bejn: (i) l-EUIB u l-proċessur; u (ii) il-proċessur u s-sottoproċessur[44] tiegħu. B'mod partikolari, l-EUIBs jistgħu jiżguraw allinjament bħal dan billi jużaw il-klawżoli kuntrattwali standard li ġew adottati mill-Kummissjoni għar-relazzjoni bejn il-kontrolluri u l-proċessuri[45].

Sabiex tipprovdi għodod addizzjonali li jiżguraw salvagwardji xierqa għat-trasferimenti diretti tad-*data* mill-EUIBs lil pajjiżi terzi (jiġifieri mingħajr l-involviment ta' proċessur tal-UE/taż-ŻEE), il-Kummissjoni bħalissa qed tiżviluppa klawżoli kuntrattwali standard skont l-Artikolu 48(2)(b) tal-EUDPR. Dawn il-klawżoli, kemm jista' jkun, se jiġu allinjati mal-klawżoli eżistenti adottati skont il-GDPR.

[38] L-Artikolu 45(3) tal-GDPR.
[39] L-Artikolu 36(3) tal-LED.
[40] L-Artikolu 50 tal-EUDPR.
[41] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/914 tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[42] Bl-użu tal-"Modulu 3" tal-klawżoli kuntrattwali standard.
[43] L-Artikolu 29(4) tal-EUDPR.
[44] Ara l-premessa 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/914 u n-nota 1 f'qiegħ il-paġna tal-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
[45] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/915 tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri skont l-Artikolu 28(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 29(7) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Fl-aħħar nett, minħabba l-mistoqsijiet speċifiċi li jirriżultaw meta d-*data* personali tiġi ttrasferita lil organizzazzjonijiet internazzjonali (pereżempju minħabba l-istatus ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-privileġġi u l-immunitajiet applikabbli), il-Kummissjoni qed taħdem flimkien mal-DPO tal-EUIBs biex tiżviluppa għodod speċifiċi (eż. arranġamenti amministrattivi) li huma adattati għal tali trasferimenti.

4 L-attivitajiet tal-EDPS

4.1 L-EDPS bħala l-awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data għall-EUIBs

L-EDPS huwa l-awtorità superviżorja indipendenti tal-protezzjoni tad-*data* għall-EUIBs[46], li tirrifletti r-rwol tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fl-Istati Membri skont il-GDPR u l-LED.

It-Tabella 2 fl-Anness tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet superviżorji tal-EDPS mill-2018 sal-2021. Minn meta l-EUDPR daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018[47], iċ-ċifri għall-2018 jipprovdu linja bażi għat-tqabbil mas-sitwazzjoni skont ir-Regolament preċedenti 45/2001.

L-EDPS innota żaqliq lejn in-negozju ewlieni tal-EUIBs fis-suġġetti tal-konsultazzjonijiet li waslu mingħandhom minn meta sar applikabbli l-EUDPR. Dan ifisser żaqliq lejn mistoqsijiet dwar l-ipproċessar ta' *data* personali għat-twassil ta' kompiti assenjati lill-EUIBs fl-interess pubbliku u lil hinn minn suġġetti "amministrattivi", bħall-ġestjoni tal-persunal.

L-għadd ta' lmenti inammissibbli li waslu għand l-EDPS żdied bejn l-2019 u l-2021[48]. Il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li nstabu inammissibbli kienu diretti kontra l-kontrolluri fl-Istati Membri, li ma humiex issorveljati mill-EDPS iżda mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom tal-protezzjoni tad-*data*. In-numri għall-2018 kienu ogħla aktarx minħabba li beda japplika l-GDPR. Dan wassal għal sensibilizzazzjoni akbar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fost il-popolazzjoni iżda wkoll għal żieda fl-ilmenti inammissibbli. L-EDPS jista' wkoll jagħlaq l-ilmenti ammissibbli fejn tkun instabet soluzzjoni bonarja.

Fir-rigward tal-ispezzjonijiet u l-awditi, l-2019 uriet żieda meta mqabbla mal-linja bażi tal-2018, segwita minn tnaqqis fl-2020 u fl-2021. Dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 għamlet il-kontrolli fuq il-post diffiċli u li dawn ġew issostitwiti b'awditi mill-bogħod. L-EDPS

[46] Ħlief għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha, ara l-Artikolu 57(1)(a) u l-premessa 74 tal-EUDPR. F'dawk il-każijiet, is-superviżjoni titwettaq minn mekkaniżmi ddedikati, stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi mekkaniżmu intern ta' superviżjoni fil-qasam tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Qorti tal-Ġustizzja li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha (ĠU 2019 C 383, p. 2) u mid-Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi mekkaniżmu intern ta' superviżjoni fil-qasam tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Qorti Ġenerali li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha (ĠU 2019 C 383, p. 4). Barra minn hekk, l-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali stabbilita skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI għadha teżisti.

[47] Eċċezzjoni f'dan ir-rigward hija l-Eurojust, li għaliha l-EUDPR beda japplika mit-12 ta' Diċembru 2019, ara l-Artikolu 101(2) tal-EUDPR.

[48] Ara t-Tabella 2 fl-Anness.

jivvaluta r-riskji biex jiddeċiedi liema EUIBs għandu jispezzjona. Dan iqis, pereżempju, l-għadd ta' konsultazzjonijiet sottomessi, speċjalment meta kategoriji speċjali ta' *data* jiġu proċessati bħala parti min-negozju ewlieni tal-EUIB. L-EDPS jista' jiddeċiedi wkoll li jwettaq investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess, eż. dwar l-użu mill-EUIBs tal-forniturі tas-servizzi tal-cloud.

Għall-ksur tad-*data*, l-EDPS irrapporta li, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-kawża sottostanti kienet l-iżball uman, segwit minn żbalji tekniċi u attakki esterni[49].

L-EDPS uża l-biċċa l-kbira tas-setgħat tiegħu skont l-EUDPR, inkluż pereżempju l-impożizzjoni ta' projbizzjonijiet temporanji fuq l-operazzjonijiet ta' proċessar[50]. Sa issa għadu ma użax is-setgħa l-ġdida tiegħu li joħroġ multi amministrattivi, li hija miżura tal-aħħar istanza taħt l-EUDPR[51].

L-EDPS indika wkoll fil-kontribut tiegħu għal dan ir-rapport li huwa investa f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, bħal taħriġ, b'massimu ta' aktar minn 4 600 parteċipant stmat fl-2019, wara d-dħul fis-seħħ tal-EUDPR. Filwaqt li l-għadd ta' parteċipanti fl-2020 u fl-2021 naqas minn dak il-livell massimu, xorta huwa ogħla b'mod sinifikanti mil-linja bażi tal-1 000 parteċipant stmati fl-2018.

L-EUIBs taw rispons fil-biċċa l-kbira pożittiv dwar l-interazzjonijiet mal-EDPS u l-gwida li rċevew mingħandu, b'86 % jindikaw li t-tweġibiet kienu dejjem jew fil-biċċa l-kbira faċli biex jinftiehmu. L-EUIBs apprezzaw ukoll iż-żieda fil-kuntatti tal-EDPS man-network tad-DPO.

Madankollu, xi EUIBs innotaw li l-parir tal-EDPS xi drabi wasal tard wisq[52]. Huma ssottolinjaw l-importanza ta' appoġġ u pariri kontinwi mill-EDPS u talbu għal gwida f'waqtha u prattika dwar ċerti kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*. Dawn il-kwistjonijiet jinkludu l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-kontrolluri, it-trasferimenti internazzjonali, u r-relazzjoni bejn il-kontrolluri (inklużi l-kontrolluri konġunti) u l-proċessuri tagħhom.

[49] Għall-2020 (l-aħħar sena bi statistika kompluta): 52 % tal-ksur tad-*data* kien ikkawżat minn żball uman; 21 % minn żball tekniku; 17 % minn attakk estern; u l-bqija kienu dovuti għal raġunijiet oħra, eż. abbuż ta' kontijiet privileġġati.
[50] Pereżempju, fuq l-operazzjonijiet ta' proċessar għall-monitoraġġ tal-media soċjali mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) ta' dak iż-żmien: https://edps.europa.eu/sites/default/files/publication/19-11-12_reply_easo_ssm_final_reply_en.pdf. B'reazzjoni għal dan, l-EASO ta' dak iż-żmien waqqaf l-operazzjonijiet ta' proċessar inkwistjoni.
[51] Skont il-GDPR, jistgħu jiġu imposti multi direttament għal ksur, eż. meta kontrollur jonqos milli jinforma kif xieraq lis-suġġetti tad-*data* dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom (l-Artikoli 12 sa 14 tal-GDPR). Skont l-EUDPR, l-EDPS jista' jimponi biss multi għal nuqqas ta' konformità ma' ordni, eż. biex jiġi rrimedjat nuqqas ta' informazzjoni xierqa lis-suġġetti tad-*data* skont l-Artikoli 14 sa 16 tal-EUDPR.
[52] 67 % tal-EUIBs iddikjaraw li rċevew parir mingħand l-EDPS fil-ħin jew fil-biċċa l-kbira fil-ħin, filwaqt li 33 % kienu newtrali jew iddikjaraw li (fil-biċċa l-kbira) wasal tard wisq.

4.2 L-EDPS bħala konsulent għal-leġiżlatur tal-UE

Il-Kummissjoni tikkonsulta formalment lill-EDPS, b'mod partikolari dwar proposti leġiżlattivi b'impatt fuq[53] l-ipproċessar tad-*data* personali, wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kulleġġ[54]. L-EDPS iwieġeb għal dawn il-konsultazzjonijiet b'opinjonijiet jew kummenti[55]. L-EDPS joħroġ ukoll opinjonijiet fuq inizjattiva proprja, bħall-opinjoni preliminari tiegħu dwar l-ispazju Ewropew tad-*data* dwar is-saħħa[56]. Meta proposta tkun partikolarment importanti għall-protezzjoni tad-*data*, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta wkoll lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB). F'dak il-każ, l-EDPS u l-EDPB għandhom joħorġu opinjoni konġunta[57] biex jiżguraw li l-leġiżlatur tal-UE jingħata parir konsistenti.

Il-Kummissjoni tikkonsulta wkoll lill-EDPS b'mod informali qabel ma l-Kulleġġ jadotta atti soġġetti għar-rekwiżiti ta' konsultazzjoni. Bi tweġiba għal dawn il-konsultazzjonijiet, l-EDPS jipprovdi kummenti informali lill-Kummissjoni. Din il-possibbiltà tgħin biex jiġi żgurat li l-atti tal-Kummissjoni jkunu kompletament konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* qabel jiġu adottati. Il-konsultazzjonijiet informali jintużaw b'mod partikolari għal atti li huma sensittivi jew li għandhom impatt aktar sinifikanti fuq il-protezzjoni tad-*data*.

L-attività tal-EDPS bħala konsulent għal-leġiżlatur tal-UE tiddependi min-numru ta' proposti ġodda mħejjija mill-Kummissjoni. Wara numri aktar baxxi fl-aħħar sena tal-Kummissjoni li waslet biex tispiċċa, iż-żieda qawwija fil-kummenti formali fl-2021 hija dovuta għall-għadd akbar ta' proposti leġiżlattivi u għall-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-obbligu li tikkonsulta lill-EDPS[58]. Dan jinkludi atti ta' implimentazzjoni u delegati li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali. Wara d-dħul fis-seħħ tal-EUDPR, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni pproduċa proċeduri u żied l-għarfien tas-servizzi dwar ir-rekwiżit li jikkonsultaw lill-EDPS. Dan irriżulta f'konsultazzjoni aktar sistematika, inkluż għal atti ta' implimentazzjoni u delegati. Għall-finijiet ta' ppjanar, l-EDPS u s-servizzi tal-Kummissjoni jkollhom laqgħat annwali dwar il-programm ta' ħidma li jmiss u l-proposti li se jirrikjedu konsultazzjoni.

4.3 Kooperazzjoni bejn l-EDPS u l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data

L-EDPS huwa membru tal-EDPB u jipprovdih b'segretarjat. Huwa jikkoopera wkoll mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-eżerċizzju tal-kompiti rispettivi tagħhom b'modi oħra[59].

---

[53] L-Artikolu 42 tal-EUDPR.

[54] Għall-atti ta' implimentazzjoni u delegati, il-konsultazzjoni formali tista' ssir b'mod parallel mal-perjodu ta' feedback pubbliku għall-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati.

[55] L-EDPS jirreferi għat-tweġibiet dwar il-proposti leġiżlattivi u r-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 218 tat-TFUE bħala "opinjonijiet". It-tweġibiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni jew delegati jissejħu "kummenti", ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-15 ta' Mejju 2020 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-EDPS, ĠU L 204/49, 26.06.2020, https://eur-lex.europa.eu/eli/proc_rules/2020/626/oj.

[56] EDPS Preliminary Opinion 8/2020 on the European Health Data Space, https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/opinions/preliminary-opinion-82020-european-health-data-space_en.

[57] L-Artikolu 42(2) tal-EUDPR.

[58] L-Artikolu 42 tal-EUDPR.

[59] F'konformità mal-Artikolu 61 tal-EUDPR, l-EDPS jikkoopera wkoll mal-Awtorità Superviżorja Konġunta stabbilita skont l-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI.

Eżempji jinkludu r-referenza lill-awtorità superviżorja kompetenti tal-protezzjoni tad-*data* ta' lmenti jew każijiet li jinvolvu fornituri esterni tas-servizzi li jintużaw kemm mill-EUIBs kif ukoll mill-kontrolluri suġġetti għall-GDPR. L-EDPS jikkontribwixxi wkoll b'mod attiv għall-ħidma tal-EDPB billi jieħu rwoli pereżempju bħala relatur ewlieni jew korelatur għal linji gwida, jew inkella jikkontribwixxi għall-ħidma tiegħu.

Diversi sistemi u aġenziji tal-IT fuq skala kbira stabbiliti skont id-dritt tal-UE jirrikjedu li l-EDPS u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, b'kull wieħed u waħda minnhom jaġixxu fl-ambitu tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jikkooperaw b'mod attiv biex jiżguraw superviżjoni koordinata[60]. Fil-passat, l-atti ta' stabbiliment ta' kull sistema jew aġenzija kienu jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi għal dak il-għan. L-EUDPR[61] joħloq sistema armonizzata għal din il-koordinazzjoni tas-superviżjoni li tista' ssir referenza għaliha f'atti oħra. Dan isir għas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern[62], għas-sistema ECRIS-TCN[63], għall-Eurojust[64] u l-aktar reċenti, għall-Europol[65]. Sistemi oħra għad għandhom gruppi ta' koordinazzjoni tas-superviżjoni b'regoli dettaljati fl-atti ta' stabbiliment tagħhom, jew referenzi dettaljati għal-laqgħat bħala parti mill-EDPB[66].

---

[60] Eżempji jinkludu s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-Eurodac. Ara r-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56–106; ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81; u r-Regolament (UE) 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal- "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1–30.

[61] L-Artikolu 62 tal-EUDPR.

[62] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1–38.

[63] Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1–26.

[64] L-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138–183.

[65] Ara l-bidliet fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament dwar l-Europol introdotti mir-Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni, ĠU L 169, 27.6.2022, p. 1–42.

[66] L-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE)

L-EDPS jikkontribwixxi wkoll għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill 1053/2013[67]. Skont dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-EDPS jaħtar osservatur biex jieħu sehem fi żjara fuq il-post dwar qasam kopert mill-mandat tiegħu, jiġifieri l-evalwazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data*[68]. Dan jikkorrispondi għall-possibbiltà li l-Frontex u l-Europol jaħtru osservaturi għall-evalwazzjonijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-kooperazzjoni tal-pulizija rispettivament. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-għarfien espert tal-osservaturi tal-EDPS huwa assi siewi għall-evalwazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data*.

4.4 Ir-riżorsi tal-EDPS

L-għadd ta' membri tal-persunal tal-EDPS (inkluż is-segretarjat tal-EDPB[69]) żdied b'mod kostanti matul il-perjodu ta' rapportar[70], u dan jirrifletti x-xejra ġenerali fl-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*. L-attivitajiet tas-segretarjat tal-EDPB żdiedu maż-żmien b'output dejjem akbar ta' linji gwida, rakkomandazzjonijiet, opinjonijiet tal-EDPB, u dokumenti oħra li jikkontribwixxi għalihom is-segretarjat. Huwa essenzjali li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti għas-segretarjat tal-EDPB minħabba r-rwol aktar b'saħħtu li huwa mistenni li jkollu fl-infurzar effettiv tal-GDPR. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-objettiv tal-EDPB li jiżviluppa kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar ix-xogħol strateġiku u li juża għodod ġodda li jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*[71]. B'mod partikolari, li jkun hemm segretarjat b'saħħtu u b'riżorsi tajbin biex jappoġġa l-ħidma tal-EDPB huwa kritiku biex jiġi żgurat li l-EDPB ikun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu kif meħtieġ, b'mod partikolari fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' konsistenza[72], li l-użu tiegħu huwa mistenni li jkompli jikber.

Fil-kontribut tiegħu għal dan ir-rapport, l-EDPS qies, b'mod partikolari, li jekk jiġi fdat b'kompiti addizzjonali, eż. bħala awtorità tas-sorveljanza tas-suq skont il-proposta leġiżlattiva dwar l-intelliġenza artifiċjali[73], huwa għandu jingħata riżorsi addizzjonali korrispondenti.

Nru 1987/2006, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14–55 u l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56–106.

[67] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27–37.

[68] L-Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013.

[69] L-Artikolu 57(1)(l) tal-EUDPR.

[70] Ara t-Tabella 4 fl-Anness.

[71] Dikjarazzjoni tal-EDPB dwar kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar fajls strateġiċi, 29 ta' April 2022: DPAs decide on closer cooperation for strategic files | Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (europa.eu).

[72] Il-Kapitolu VII tal-GDPR.

[73] COM/2021/206 final.

5 L-użu mill-Kummissjoni tas-setgħat biex tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni

L-EUDPR fih diversi setgħat għall-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni u tistabbilixxi klawżoli standard, kif ukoll kontroreferenzi għas-setgħat skont il-GDPR[74].

L-EUDPR[75] fih dispożizzjonijiet li jagħtuha s-setgħa li tistabbilixxi klawżoli kuntrattwali standard dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-kuntratti bejn il-kontrolluri u l-proċessuri, li jikkorrispondu għall-għoti tas-setgħa fil-GDPR[76]. Il-Kummissjoni użat din is-setgħa u adottat klawżoli kuntrattwali standard li jkopru r-relazzjonijiet bejn il-kontrolluri u l-proċessuri f'Ġunju 2021[77] li jkopru kemm il-GDPR kif ukoll l-EUDPR. Dawn il-klawżoli jipprovdu għodod faċli biex jintużaw mill-kontrolluri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv ir-relazzjonijiet mal-proċessuri tagħhom.

L-EUDPR[78] jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta klawżoli kuntrattwali standard dwar il-protezzjoni tad-*data* biex tipprovdi salvagwardji xierqa għat-trasferiment ta' *data* personali barra mill-UE/miż-ŻEE. Il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji dawn il-klawżoli.

6 Regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-korpi u l-aġenziji li jittrattaw il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

Il-Kapitolu IX tal-EUDPR fih regoli għall-EUIBs li jipproċessaw *data* personali operazzjonali meta jwettqu attivitajiet fl-ambitu tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi"). Dan għandu l-għan li jnaqqas il-frammentazzjoni:

- bejn ir-reġimi ta' protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* operazzjonali mill-aġenziji tal-UE f'dan il-qasam;
- u r-reġim ta' protezzjoni tad-*data* applikabbli għall-attivitajiet nazzjonali ta' infurzar tal-liġi kriminali skont l-LED.

Għal dan il-għan, il-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi tal-EUDPR jipprovdi sett ta' regoli orizzontali bbażati fuq l-LED. Dawn ir-regoli jistgħu jiġu ssupplimentati, fejn meħtieġ, minn regoli speċifiċi fl-atti ta' stabbiliment tal-aġenziji, skont il-mandati rispettivi tagħhom u n-natura speċifika tal-kompiti u l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tagħhom.

[74] Ara l-Artikolu 47 tal-EUDPR li jippermetti lill-EUIBs jibbażaw fuq deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont il-GDPR u l-LED u l-Artikolu 14(8) tal-EUDPR dwar l-atti delegati dwar l-ikoni skont l-Artikolu 12(8) tal-GDPR.
[75] L-Artikolu 29(7) tal-EUDPR.
[76] L-Artikolu 28(7) tal-GDPR.
[77] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/915 tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri skont l-Artikolu 28(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 29(7) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 199, 7.6.2021, p. 18–30, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32021D0915.
[78] L-Artikolu 48(2)(b) tal-EUDPR.

L-EUDPR jiddikjara l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni uniformi u konsistenti tal-persuni fiżiċi meta tiġi pproċessata d-*data* personali tagħhom[79]. Għal dak il-għan, huwa jindika b'mod espliċitu l-objettiv li l-applikazzjoni tal-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi tal-EUDPR tiġi estiża għall-aġenziji li kellhom oqfsa separati għall-protezzjoni tad-*data* fl-atti ta' stabbiliment tagħhom meta ġie adottat l-EUDPR, jiġifieri l-Europol u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Jirreferi wkoll għall-emenda possibbli tal-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi, jekk ikun meħtieġ.

6.1 L-estensjoni tal-applikazzjoni tal-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi tal-EUDPR

Fiż-żmien ta' din il-kitba, il-kapitolu tal-EUDPR dwar l-infurzar tal-liġi japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali minn:

- l-Eurojust[80], ikkomplementat minn regoli speċifiċi inklużi fir-Regolament dwar l-Eurojust;
- l-Europol[81], ikkomplementat minn regoli speċifiċi inklużi fir-Regolament dwar l-Europol, li ġie emendat[82] mid-dħul fis-seħħ tal-EUDPR;
- il-Frontex għall-parti żgħira tal-attivitajiet tagħha li huma parti mill-infurzar tal-liġi kriminali[83].

Madankollu, il-kapitolu tal-EUDPR dwar l-infurzar tal-liġi għadu ma japplikax għall-UPPE li r-Regolament li jistabbilixxih ġie adottat qabel l-EUDPR. Ir-Regolament dwar l-UPPE jipprevedi sistema awtonoma għall-ipproċessar tad-*data* operazzjonali. Dan għandu żewġ konsegwenzi: L-ewwel nett, xi dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar l-UPPE jvarjaw fis-sustanza mill-kapitolu tal-EUDPR dwar l-infurzar tal-liġi, bħall-ipproċessar ta' *data* personali "ristretta"[84]. It-tieni, xi dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-UPPE, għalkemm simili fis-sustanza, huma fformulati

[79] L-Artikolu 98(2) tal-EUDPR.

[80] L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138–183.

[81] L-Artikolu 28 tar-Regolament emendat dwar l-Europol (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI.

[82] Ir-Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni, ĠU L 169, 27.6.2022, p. 1–42.

[83] Ara l-Artikoli 10(1)(q) u 90 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1–131, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32019R1896.

[84] L-Artikolu 61(4) tar-Regolament dwar l-UPPE jippermetti l-ipproċessar ta' *data* "ristretta" "bl-eċċezzjoni tal-ħażna, […] biss għall-ħarsien tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra li hija parti għall-proċedimenti tal-UPPE, jew għall-finijiet [ta' evidenza]". L-Artikolu 82(3) korrispondenti tal-EUDPR jiddikjara li "*data* ristretta għandha tiġi pproċessata biss għall-fini li tkun impediet it-tħassir tagħha", li jinkludi ż-żamma tad-*data* għall-evidenza, iżda ma jirreferix għall-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jew ta' oħrajn.

b'mod differenti mill-kapitolu tal-EUDPR dwar l-infurzar tal-liġi, li jista' jwassal għal interpretazzjonijiet differenti.

Fl-interess tal-konsistenza u f'konformità mal-objettiv ġenerali li titnaqqas il-frammentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, għall-UPPE għandu jiġi segwit approċċ simili għal dak adottat għall-Eurojust u għall-Europol. L-objettiv huwa li tiġi żgurata l-applikabbiltà diretta tal-kapitolu tal-EUDPR dwar l-infurzar tal-liġi għall-UPPE, filwaqt li jinżammu biss l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa fir-Regolament dwar l-UPPE. Fl-istess ħin, minħabba li l-UPPE ilu jopera għal sena waħda biss, fuq perjodu ta' żmien qasir, għadu meħtieġ li jinġabar aktar għarfien dwar l-applikazzjoni prattika tar-reġim ta' protezzjoni tad-*data* tal-UPPE. Dan se jippermetti li jiġu identifikati b'mod preċiż dawk l-ispeċifikazzjonijiet, filwaqt li titqies in-natura tal-UPPE bħala l-uffiċċju indipendenti tal-prosekuzzjoni pubblika tal-UE[85].

6.2 Kjarifika tal-applikabbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-EUDPR għall-ipproċessar ta' data operazzjonali

L-EUDPR[86] jiddikjara li "l-Artikolu 3 [definizzjonijiet] u l-Kapitolu IX [il-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi] ta' dan ir-Regolament biss għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali".

Il-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi fih dispożizzjonijiet sostantivi li jikkorrispondu għall-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II sa V tal-EUDPR (prinċipji ġenerali, drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, ċerti obbligi tal-kontrolluri u tal-proċessuri, trasferimenti internazzjonali tad-*data*), b'xi differenzi biex titqies in-natura speċifika tal-infurzar tal-liġi (eż. regoli dwar l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* u dwar id-dritt tagħhom ta' aċċess għad-*data* tagħhom).

Huwa importanti li jiġi ċċarat, billi jiġi emendat l-EUDPR, li l-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi jistabbilixxi regoli speċifiċi biss għad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' kapitoli oħra tal-EUDPR li għandhom ekwivalenti dirett fil-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi. B'dan il-mod, jekk il-leġiżlatur ma jinkludix regoli speċifiċi fl-att ta' stabbiliment ta' aġenzija, id-dispożizzjonijiet f'kapitoli għajr il-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi li ma għandhom l-ebda ekwivalenti dirett f'dan tal-aħħar[87] japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* operazzjonali.

Din l-emenda ttejjeb iċ-ċertezza legali u tipprovdi qafas sħiħ (eż. dwar il-pożizzjoni tal-DPO, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*), inkluż għal

[85] L-esperjenza miksuba permezz tal-Eurojust u tal-Europol ma hijiex direttament trasferibbli lill-UPPE, minħabba li l-mandat tal-UPPE ma huwiex li jappoġġa u jtejjeb il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali iżda li jinvestiga u jipproċedi kontra reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.
[86] L-Artikolu 2(2) tal-EUDPR.
[87] Eż. fir-rigward tad-dmir tal-kontrolluri li jikkooperaw skont l-Artikolu 32 tal-EUDPR, ir-regoli dwar l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data* fl-Artikoli 43 sa 45 tal-EUDPR, l-Artikolu 31 dwar iż-żamma tar-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar, u dwar il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji oħra skont l-Artikolu 61 tal-EUDPR.

kwalunkwe aġenzija futura f'dan il-qasam[88]. Qafas komplut bħal dan inaqqas ukoll ir-riskji ta' frammentazzjoni.

6.3 Is-setgħat tal-EDPS fis-sorveljanza tal-korpi u l-aġenziji tal-UE

Bħalissa, ir-regolamenti li jistabbilixxu l-UPPE, l-Eurojust u l-Europol fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-setgħat tal-EDPS[89].

Ir-Regolament aġġornat dwar l-Europol jagħti setgħat lill-EDPS li huma allinjati ma' dawk skont l-Artikolu 58 tal-EUDPR[90]. Dan huwa partikolarment il-każ għas-setgħa li joħroġ multi amministrattivi u s-setgħa li jordna lill-kontrollur jew lill-proċessur iġib l-operazzjonijiet ta' pproċessar konformi, fejn xieraq, b'mod speċifikat u f'perjodu speċifikat.

Madankollu, fil-każ tal-UPPE, is-setgħat tal-EDPS huma fformulati b'mod differenti milli fl-EUDPR. L-EDPS ma għandux iż-żewġ setgħat imsemmija hawn fuq[91].

Ir-Regolament dwar il-Frontex, għall-parti żgħira tal-attivitajiet tal-Frontex soġġetti għall-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi[92], ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar is-setgħat tal-EDPS, li jwassal għal inċertezzi dwar dawk is-setgħat.

L-għoti lill-EDPS tal-firxa sħiħa ta' setgħat stabbiliti skont l-Artikolu 58 tal-EUDPR jista' jinkiseb billi jiġu segwiti ż-żewġ passi li ġejjin.

1. Jiġi ċċarat li l-EUDPR, bħala għażla prestabbilita, jafda lill-EDPS bis-superviżjoni tal-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi u bis-setgħat mogħtija lilu skont l-Artikolu 58 tal-EUDPR[93]. Dan jirrikjedi li l-EUDPR jiġi emendat kif propost fit-taqsima preċedenti. Dan jindirizza wkoll id-distakk fir-Regolament dwar il-Frontex.

2. Bit-tneħħija tad-dispożizzjonijiet dwar is-setgħat tal-EDPS mill-atti ta' twaqqif tal-aġenziji u tal-korpi, il-firxa sħiħa tas-setgħat tal-EDPS skont l-EUDPR emendat tkun tapplika

[88] Il-qafas legali speċifiku ta' dawn l-aġenziji xorta jkun jeħtieġ li jiġi stabbilit f'konformità mar-rekwiżiti tal-EUDPR, eż. l-Artikolu 72 dwar id-definizzjoni tal-perjodi ta' ħżin. Iżda ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li jiġu rregolati d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jew is-setgħat tal-EDPS, sakemm il-leġiżlatur ma jagħżilx speċifikament li jiddevja mill-approċċ tal-EUDPR.

[89] L-Artikolu 85 tar-Regolament dwar l-UPPE, l-Artikolu 40 tar-Regolament dwar l-Eurojust u l-Artikolu 43 tar-Regolament dwar l-Europol.

[90] Ċerti kompiti tal-EDPS li ma humiex rilevanti għall-Europol, eż. l-approvazzjoni ta' klawżoli kuntrattwali standard, ma humiex ripetuti.

[91] Skont l-Artikolu 85(3)(b) tar-Regolament dwar l-UPPE u l-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament dwar l-Eurojust, fil-każ ta' allegat ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali, l-EDPS jista' biss jirreferi l-kwistjoni lill-UPPE jew lill-Eurojust, u, fejn xieraq, jagħmel proposti għar-rimedju ta' dak il-ksur u għat-titjib tal-protezzjoni tas-suġġetti tad-*data*.

[92] Ara l-Artikoli 10(1)(q) u 90 tar-Regolament dwar il-Frontex.

[93] L-Artikolu 1(3) tal-EUDPR jagħti lill-EDPS il-kompitu li "jissorvelja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar imwettqin minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni". Għalkemm din id-dispożizzjoni tista' tiġi interpretata bħala li tapplika wkoll għall-attivitajiet li jaqgħu taħt il-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi, ikun utli li dan isir espliċitu biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

direttament għall-Eurojust u għall-UPPE. L-objettiv huwa li dawn jiġu allinjati kemm jista' jkun biex titnaqqas il-frammentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

7 It-triq 'il quddiem

B'mod ġenerali, l-EUDPR qed jaħdem tajjeb u huwa adegwat għall-iskop tiegħu. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma hijiex se tipproponi emendi fuq dawk il-partijiet li huma ekwivalenti għar-regoli korrispondenti fil-GDPR, u b'hekk jinżamm l-eqreb allinjament possibbli bejn l-EUDPR u l-GDPR[94]. L-emendi possibbli kkunsidrati f'dan ir-rapport jikkonċernaw partijiet oħra, b'mod partikolari r-relazzjoni tal-kapitolu tal-EUDPR dwar l-infurzar tal-liġi mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

Fir-rebbiegħa tal-2022, il-Kummissjoni pproponiet regoli biex issaħħaħ is-sigurtà tal-informazzjoni fl-EUIBs[95], li se jkollhom impatt pożittiv fuq is-sigurtà tal-informazzjoni, inkluż fuq il-protezzjoni tad-*data* personali. Dik il-proposta għandha l-għan li ttejjeb aktar ir-reżiljenza u l-kapaċità tal-EUIBs li jirreaġixxu għall-inċidenti meta jiffaċċjaw theddid ta' ċibersigurtà.

Il-Kummissjoni se tieħu wkoll il-passi deskritti fil-punti li ġejjin:

- meta taġġorna l-atti ta' stabbiliment għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li għadhom jinkludu regoli dettaljati dwar mudell ta' koordinazzjoni tas-superviżjoni, tiżgura li l-mudell ta' koordinazzjoni tas-superviżjoni tal-EUDPR[96] japplika sabiex tissimplifika l-proċeduri;
- tikkunsidra l-emendi għall-EUDPR sabiex:
    - ittejjeb iċ-ċertezza legali u tlesti l-qafas għall-ipproċessar tad-*data* operazzjonali billi tiċċara fl-Artikolu 2(2) li d-dispożizzjonijiet ġenerali tal-EUDPR japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali, sakemm il-kapitolu dwar l-infurzar tal-liġi ma jkunx fih dispożizzjonijiet speċifiċi (bħal dwar id-dritt ta' aċċess). Dan jipprovdi wkoll qafas lest għal kwalunkwe aġenzija futura fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija;
    - tiżgura l-parteċipazzjoni tal-EDPS bħala osservatur fl-evalwazzjonijiet kollha tal-protezzjoni tad-*data* fl-ambitu tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen;
- sussegwentement, tikkunsidra li f'reviżjoni futura temenda r-Regolamenti dwar l-UPPE u dwar l-Eurojust biex tiżgura l-applikazzjoni sħiħa tar-regoli dwar l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali fl-EUDPR emendat, filwaqt li tqis in-natura speċifika ta' dawk il-korpi. Dan se jwassal ukoll għall-armonizzazzjoni tas-setgħat tal-EDPS fuq dawn il-korpi u l-aġenziji ma' dawk li għandu fuq l-EUIBs l-oħra;

[94] Jekk il-GDPR jiġi emendat fi stadju aktar tard, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-emendi meħtieġa għall-EUDPR biex iżżomm iż-żewġ testi allinjati.
[95] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, COM(2022) 122 final.
[96] L-Artikolu 62 tal-EUDPR.

- tipproponi klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali[97] għall-EUIBs;
- tissokta l-kooperazzjoni mill-qrib mal-EDPS (u, fejn rilevanti, mal-EDPB) biex tiżgura konsultazzjoni f'waqtha u mmirata dwar proposti ġodda[98] u tkompli wkoll tikkonsulta lill-EDPS b'mod informali dwar testi importanti qabel ma jiġu adottati.

[97] Skont l-Artikolu 48(2)(b) tal-EUDPR.
[98] F'konformità mal-Artikolu 42 tal-EUDPR.

L-EDPS huwa mistieden:

- jipprovdi gwida prattika addizzjonali u f'waqtha lill-EUIBs, inkluż dwar it-trasferimenti internazzjonali tad-*data*;
- ikompli jqajjem kuxjenza fost il-kontrolluri u l-proċessuri dwar l-obbligi tagħhom skont l-EUDPR, kif ukoll jagħti pariri lill-DPO;
- jintensifika l-isforzi biex jinforza b'mod effettiv l-EUDPR biex jiżgura l-protezzjoni sħiħa tas-suġġetti tad-*data*.

L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE huma mistiedna:

- ikomplu u, fejn meħtieġ, iżidu l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni biex jiżguraw livell suffiċjenti ta' għarfien espert intern dwar ir-regoli tal-EUDPR;
- jikkunsidraw li jippubblikaw id-DPIAs, minbarra l-informazzjoni li tista' tikkompromett i s-salvagwardji tas-sigurtà adottati fejn meħtieġ;
- jiżguraw li l-DPO (kif ukoll id-DPCs) ikollhom riżorsi suffiċjenti u pożizzjoni fl-EUIBs li jippermettulhom iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti u indipendenti;
- ilestu l-qlib tan-notifiki li fadlilhom skont ir-regolament preċedenti dwar il-protezzjoni tad-*data* f'rekords tal-protezzjoni tad-*data*.

ANNESS

Tabella 1 – Valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* u konsultazzjonijiet minn qabel imwettqa mill-EUIBs

	2019	2020	2021
Riskju residwu aċċettat	30	50	77
Konsultazzjoni minn qabel tal-EDPS	3	3	5
Il-proġett ġie abbandunat	2	2	0

Tabella 2 – Attivitajiet superviżorji tal-EDPS

	2018	2019	2020	2021
Konsultazzjonijiet	50[99]	75	59	52
Konsultazzjonijiet minn qabel	0	0	1	4
Awtorizzazzjonijiet ta' trasferiment	0	1	0	4
Ilmenti ammissibbli riċevuti	58	59	43	44[100]
Deċiżjonijiet[101] dwar ilmenti ammissibbli	23	48	35	22
Ilmenti inammissibbli riċevuti	240	151	203	269
L-ispezzjonijiet/l-awditi mwettqa	5	9	4	4
Investigazzjonijiet formali mwettqa	0	4	1	2
Notifiki ta' ksur tad-*data* riċevuti	7	95	121	82[102]

[99] Tnejn minnhom wara d-dħul fis-seħħ tal-EUDPR.
[100] Sal-15 ta' Novembru 2021.
[101] Inklużi każijiet magħluqa permezz ta' soluzzjoni bonarja, riferiment lill-DPO u mezzi oħra ta' għeluq.
[102] Sa nofs Novembru 2021.

Tabella 3 – Attivitajiet ta' konsulenza tal-EDPS

	2018	2019	2020	2021
Kummenti	13	3	19	72
Opinjonijiet	7	6	8	12
Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja	1	1	2	0
Opinjonijiet konġunti mal-EDPB	0	1	0	5
Kummenti informali	33[103]	16	13	25

Tabella 4 - Riżorsi tal-EDPS

	2018	2019	2020	2021	2022 (stima)
L-għadd totali ta' persunal tal-EDPS (inkluż is-segretarjat tal-EDPB)	98	100	118	126	139
Persunal tal-EDPS fis-segretarjat tal-EDPB	19	22	27	34	38
Baġit[104]	EUR 13 539 302 (eżegwiti)	EUR 15 301 687 (eżegwiti)	EUR 14 211 719 (eżegwiti)	EUR 16 761 285 (eżegwiti)	EUR 20 202 000 (abbozz)

[103] Skont ir-Regolament preċedenti 45/2001, l-EDPS inkluda l-konsultazzjonijiet dwar l-atti delegati/ta' implimentazzjoni mal-kummenti "informali". Ċertu ammont mill-kummenti elenkati taħt il-kummenti informali għall-2018 kienu jingħaddu taħt il-"kummenti formali" fis-snin ta' wara.

[104] Dawn in-numri ġew aġġornati meta mqabbla man-numri fil-kontribut tal-EDPS għal dan ir-rapport.